# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru. 558/16 YMS**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**(Spettur Kyle Borg)**

**Vs**

**Mario Mallia**

**Clyde Mallia**

Illum, 16 ta`April, 2024

Il-Qorti

Rat l-att ta' akkuza datata 24 ta' Ottubru, 2016 dedotta kontra l-imputati **Mario Mallia** ta' 18-il sena, imwieled Pieta' fis-07/01/1998, bin Keith-Joseph u Lucy Anne nee' Attard, residenti No. 95, 'Golden Gennet', Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq u detentur tal-

karta tal-identita' nru. 19998 M u **Clyde Mallia** ta' 16-il sena, imwieled Pieta' fit-23/12/1999, bin Keith-Joseph u Lucy Anne nee' Attard, residenti No. 95, 'Golden Gennet', Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita' nru 439899 M akkuzati talli fit-22/10/2016 minn gewwa Triq Valletta, Hal Ghaxaq ikkommettew serq ta' vettura tal-marka Toyota Towance bin-numru ta' registrazzjoni MRW 008, li l-valur taghha jeccedi l-€ 2,329.37, ghad-detriment ta' Joseph Carabott minn Birzebbuga, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-lok u x-xorta tal-haga misruqa.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data u cirkostanza gewwa Hal-Ghaxaq, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentement b' kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Nakkuza lil **Mario Mallia wahdu** talli fl-istess data u cirkostanzi gewwa Hal-Ghaxaq:

1. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, ghad-dannu ta' Joseph Carabott;
2. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura ohra li ma jkolliex licenzja;
3. Uza jew gieghek jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skont il-kaz, ma kientx issehh polza ta' l-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 104.

Nakkuzahom ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi naqsu milli jharsu xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Mag. Dr A. Demicoli LL.D. fid-digriet taghha datat 12/01/2016 li bihom tathom il-helsien mill-arrest taht garanzija;

Nakkuzaw ukoll **lil Clyde Mallia wahdu** talli fl-istess data u cirkostanzi, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. C. Galea LL.D. fid-digriet taghha tal-29/01/2016, li bih tatu l-helsien mill-arrest taht garanzija.

Il-Qorti hija mitluba titratta lil Clyde Mallia bhala wiehed li ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. D Clarke LL.D. datata 03/02/2016.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkolllhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-23 ta' Ottubru, 2016 l-Ufficjal Prosekutur taht gurament qara u pprezenta l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat. Id-difiza mhux qed tikkontesta l-validita' ta' l-arrest ta' l-imputati u l-Qorti wara li semghet lill-Ispettur Johann J Fenech jispjega c-cirkostanzi li wasslu ghall-arrest ta' l-imputati, tqis li l-arrest kien gustifikat u li sar skont il-ligi u b' hekk tikkonfermah. L-Ufficjal Prosekutur ipprezenta zewgt stqarrijiet. Sar l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet lilhom addebitati. Il-Qorti f' dan l-istadju cahdet it-talba ghall-helsien mill-arrest. Peress li l-imputat Clyde Mallia huwa minorenni u ai termini tal-ligi l-identita' ma tistax tigi pubblicizzata u tenut kont li l-imputati huma ahwa, il-Qorti qed todna divjet mill-publikazzjoni fuq kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni u/jew stampa ta' isem iz-zewg imputati.

Rat li fis-seduta al-17 ta' Novembru, 2016 inghata d-digriet tal-*prima facie*.

Rat il-verbal tal-8 ta' Frar, 2017 fejn id-difiza ezentat lil prosekuzzjoni li ttella lil PS 639 J Mangion bhala xhud tal-isqarrijiet ezebiti. Fuq domanda tal-Qorti jekk l-imputati joggezzjonawx ghas-servizz fil-komunita' jirrispondu li le.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' April, 2017 l-Qorti qehda testendi l-inkarigu tal-ufficjal tal-probation senjatament ta' Charisse Boffa u Deborah Farrugia sabiex jinfurmaw lil Qorti

sabiex jindagaw dwar l-ideneata tal-imputati biex jaghmlu servizz fil-komunita'. L-imputati, mistoqsijin mill-Qorti jekk hux lesti li jaghmlu servizz fil-komunita' jirrispondu li lesti.

Rat li fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2017 l-ufficjal Prosekutur ezebixxa kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja ta' Clyde Mallia (Dok JF). Dehru l-Probation officers Deborah Farrugia ghal Mario Mallia u Charisse Boffa ghal Clyde Mallia li xehdu bil-gurament li z-zewgt imputati ma jikkwalifikawx ghal servizz fil-komunita'.

Rat ir-rinviji tal-avukat generali tal-15 ta' Dicembru, 2016, tal-20 ta' Jannar, 2017, tad-9 ta' Marzu, 2017, ta' 7 April, 2017, tal-24 ta' Mejju, 2017;

Rat in-Nota ta' Rinvjiju tal-Avukat Generali datata sitta ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (06.07.2017)[1], permezz ta' liema bagħat lill-imputatii sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub

a. Fl-artikoli 261(c)(e) u (g), 267, 269, 271, 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Mario Mallia wahdu taht dak li hemm mahsub:-

d. Fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Clyde Mallia wahdu taht dak ukoll li hemm mahsub:-

g. Fl-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. Fl-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

[1] Fol. 93

Rat li Il-Qorti kif diversament preseduta semghet ix-xhieda ta’ Spettur Johann Fenech fis-seduta tal-17 ta’ Novembru 2016; ta’ Joseph Carabott fis-seduta tal-8 ta’ Frar 2017; ta’ PS 639 Jean Mangion fis-seduta tal-8 ta’ Frar 2017; ta’ Karen Cremona fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2017,tat-30 ta’ Gunju 2017, ta’ Charisse Boffa dis-seduta tal-1 ta’ Gunju 2021; tad-19 ta’ Ottubru 2021, tal-5 ta’ Mejju 2022, ta’ Anabel Bugeja fis-seduta tal-5 ta’ Mejju 2022;

Rat ir-rapporti tal-Uffijcali tal-Probation assenjati lil Mario Mallia u lil Clyde Mallia rispettivament;

Rat li fis-seduta tal-19 ta’ Ottubru 2021 l-Spettur Kyle Borg ezebiet certifikat tat-twelid tal-imputati (Dok KB 1 u KB2) u tlett kundizzjonijiet mill-arrest Dok KB3 (Mario Mallia), KB 4 u KB 5 (Clyde Mallia) u sentenza fil-konfront ta’ Clyde Mallia (Dok KB 6);

Rat li fis-seduta tal-30 ta’ Mejju, 2023 id-difiza talbet li jigu sfilzati l-istqarrijiet tal-imputati immarkati Dok JF 1 u Dok JF2 a fol. 10 sa 13 ta’ l-atti u dana stante li dawn ittiehdu fi zmien meta l-ligi ma kienitx tipprovdi l-assistenza u l-prezenza ta’ l-avukat waqt it-tehdid ta’ l-istqarrijiet.

Rat li fis-seduta tal-13 ta’ Settembru, 2023 il-Qorti decidiet billi;

“Din il-Qorti b' referenza ghall-kaz in ezami qed tikkunsidra li huwa manifestament car li meta ttiehdu l-istqarrijiet ma kienx hemm id-dritt legali tal-assistenza legali f' kull stadju tal-proceduri. Illi Clyde Mallia kien adolexxenti u allura fl-opinjoni ta' din il-Qorti persuni vulnerabbli minhabba l-eta'tieghu .
Fil-kaz in ezami l-imputati ma xehedux u ghalhekk il-Qorti f' dan il-kaz ma kelliex il-possibilta' li tevalwa x-xhieda moghtija minnhom in open court. Din il-Qorti tqis ukoll l-fatt li minkejja dak li hemm miktub fl-istqarrijiet taghhom li giet mehuda minghajr l-assistenza ta' avukat ta' fiducja taghhom huma ma ammettewx l-akkuzi f' dawn il-proceduri. Fil-fehma ta' din il-Qorti meta hija rat il-proceduri fit-totalita' taghhom ("the proceedings as a whole") il-proceduti jfallu fit-test ta' kemm kienu gusti ("fair"). Il-Qorti sejra ghalhekk tiddikjara l-istqarrijiet tal-imputati bhala prova mhux ammissibbli.”

Rat li fis-seduta tal-17 ta' Ottubru, 2023 id-difiza ghalqet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-artikoli 261(c)(e) u (g), 267, 269, 271, 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti, ix-xhieda u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**Spettur Johann Fenech** fis-seduta tal-17 ta' Novembru, 2016. Fit-22 ta' Ottubru, 2016 ghal habta ta' 17:00 hrs kien gie infurmat mis-Surgent 69 Mangion, mill-Ghassa taz-Zejtun li certu Joseph Carabott kien ghamel rapport li kien halla l-vettura tieghu, Toyota Towance bin-numru ta' registrazzjoni MRW-008 ta' kulur abjad, gewwa Valletta Road, Ghaxaq u lavrant tieghu kien qallu li ma kienitx hemm u sid il-vann gie jaghmel rapport. Qal li kien halla l-vann hemmhekk, mhux imsakkar u bic-cavetta taht it-tapit tal-vann u kien hallieh hemm biex idahhlu go bitha ghax kellu xi hsarat. Dana waqt li s-surgent kompla jghidlu li marru hemmhekk fiz-zona biex jaghmlu spezzjoni biex forsi jaraw jekk jarawx il-vann u sabu lill-imputat, lill-ahwa Mallia, li qed naghraf fl-awla fuq l-ewwel bank, Mario u Clyde, qed isuqu dan il-vann. Dawna gew imwaqqfin u gie stabilit li l-vann kien qed jigi misjuq minn Mario Mallia I.D. 19998 M. Dawn inqabdu in flagrante mill-pulziija- surgent 69 Jean Mark Mangion. Dan kien bla licenzja u kien minghajr insurance. Il-vann kien assigurat. Il-passigier kien Clyde Mallia. L-imputati rilaxxaw stqarrija. Il-vann instab fit-triq tad-dar taghhom fejn joqghodu huma gewwa Hal-Ghaxaq stess.

**Joseph Carabott** fis-seduta tal-8 ta' Frar, 2017. Lil imputati jafhom wara li gara dan il-kaz. "Ghax kelli l-vann u hadtu ghas-service ghand habib tieghi u ma' sibtux hemmhekk. Kont ghadni kif ipparkjajtu xi saghtejn qabel. U gie dak u qalli: "Mhux hawn il-vann." U ghedtlu: "Mhux hawn il-vann, hallejtulek hemmhekk." U kumbinazzjoni kont ser insiefer,

kont ser immur bil-karozza barra, ntelqu. U morna u s-Surgent li kien hawn qalli: "Qbadnihom ta.".

Il-vann kellu l-bieba mkissra meta sabu. Sabu dik il-gurnata stess. Is-Surgent sabu. Il-hsara kienet fil-bieba ta' kontra x-xuffier. Il-hsara kienet 470 euro. Tal-bieba, tal-ispray u tad-daqqiet. In-nannu tal-imputati gie jfittxu u halsu. U tah ircevuta.

Jiddikjara li hu ma ghandux interess aktar. Skuzaw ruhhom meta gew man-nannu taghhom.

Il-karozza kien hallieha ipparkjata Hal Ghaxaq ghand il-mecchanic. Il-bibien tal-vann kienu miftuhin. Huma messewh minn naha l-ohra ma ndunawx li l-bieb tax-xuffier kien miftuh. Ic-cavetta tal-vann kienet go l-ashtray.

Il-vann kien inxurjat third party. Il-vann tal-gelat kien isuqu kulhadd. Inxurjat anki' ghas-sewwieqa ta' taht il-25 sena. Jezebixxi kopja tal-ircevuta tad-danni.

**PS 639 Jean Mangion** xehed fis-seduta tal-8 ta' Frar, 2017. Kien dahal rapport ta' serq ta' vettura minghand is-sid tal-vettura Joseph Carabott. "Dak il-hin stess, jiena u x-xufier, PC 417, inzilna nduru l-akwati ta' Hal-Ghaxaq, fejn fi Triq San Guzepp Demicoli, sab lil dawn iz-zewg zaghzagh fil-vettura li giet irrappurtata misruqa." Kellimhom dak il-hin. Jipprezenta l-okkorrenza (Dok JM).

**Karen Cremona**, in rapprezentanza ta' Transport Malta, xehedet fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2017. Tixhed li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MRW-008, Toyota Townace hija registrata fuq isem Joseph Carabott sa mit-13 ta' Gunju, 2007. (Dok KC). Mario Mallia ma ghandux driving licence taht ebda' kategorija.

**Charisse Boffa**, ufficjal tal-probation, assenjata sabiex issegwi lil imputat Clyde Mallia xehdet fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2021, fil-19 ta' Ottubru, 2021, 5 ta' Mejju, 2022, fil-25 ta' Ottubru, 2022. Tul it-trattazzjoni tal-kawza gew prezentati diversi rapporti dwar l-

andament ta' Clyde Mallia li meta bdew dawn il-proceduri kien ghadu minorenni. Illi fl-ahhar rapport taghha ipprezentat fil- 16 ta' Ottubru, 2023 hija rapportat li minkejja li l-imputat kien qal precedentement li ried jidhol fi programm residenzjali kontra l-abbuz ta' sustanzi ta' droga meta fl-ahhar gie ammess huwa telaq wara gimgha. Fl-opinjoni taghha l-imputat xorta wahda ghandu bzonn hafna supervizjoni u direzzjoni f' hajtu.

**Anabel Bugeja**,Ufficjal tal-Probation, xehdet fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2022. Qed isegwi lil Mario Mallia. Hija pprezentat diversi rapporti. L-imputat ma kienx konsistenti fl-appuntamenti pero' irrizulta negattiv ghat-testijiet tal-urina ghal eroina u kokaina. Fl-ahhar appuntament li kellha mieghu kien huwa gholla lehnu maghha imma wara saret taf li kellu problema familjari. Huwa esprima li ried ibiddel l-Ufficjal tal-Probation.

Ikkunsidrat

Il-kaz jirrigwarda serq ta' vettura fis-sena 2016. Il-vettura instabet ftit wara u giet ritornata lis-sid. Il-vettura insterqet minn gewwa Hal Ghaxaq u giet ritrovata gewwa Hal Ghaxaq stess. Kien hemm xi hsara fil-vettura li taghhom is-sid gie rikompensat taghhom minn membru tal-familja tal-imputati. Is-sid tal-vettura, Joseph Carabott li xehed fis-seduta tal-8 ta' Frar 2017 xehed li hu ma ghandu ebda' interess f' dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat

Illi għas-sejbien ta' ħtija kriminali il-Qorti trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta'. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata f'eżami sħiħ u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha ta' kull xorta li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja il-ġudikant irid ikun assolutament ċert dwar il-ħtija u dan għaliex dan il-livell ta' prova mhux faċli jintlaħaq. Iċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla threshold ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali

tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[2] , ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[3].

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[4], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

F' dan il-kaz l-istqarrijiet tal-imputati gew dikjarati bhala prova mhux ammissibbli u ghalhekk ma ser tittiehed ebda' kunsiderazzjoni taghhom. L-unika prova prodotta mil-

[2] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

[3] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.

[4] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

prosekuzzjoni hija x-xhieda ta' PS 639 Jean Mangion li xehed fis-seduta tal-8 ta' Frar 2017. Ix-xhud xehed li kien dahal rapport ta' serq ta' vettura minghand is-sid tal-vettura Joseph Carabott. "Dak il-hin stess, jiena u x-xufier, PC 417, inzilna nduru l-akwati ta' Hal-Ghaxaq, fejn fi Triq San Guzepp Demicoli, sab lil dawn iz-zewg zaghzagh fil-vettura li giet irrappurtata misruqa."

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni ewlenija titratta l-akkuza ta' serq ta' vettura tal-marka Toyota Towance bin-numru ta' registrazzjoni MRW 008 li l-valur taghha jeccedi l-€ 2,329.37 ghad-detriment ta' Joseph Carabott liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-lok u x-xorta tal-haga misruqa [art 261( c), 267, 269, 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta].

Illi l-unika prova ammissibbli li torbot lil imputati mal-vettura hija x-xhieda ta' PS 639 Jean Mangion li flimkien ma kuntistabbli iehor [li ma xehedx f' dawn il-proceduri] ra lil imputati fil-vettura ftit il-boghod mill-akkwati ta' fejn giet misruqa.

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Ludwig Bugeja",** (Appell Kriminali Inferjuri, deciza 28 ta' April 2022) fejn il-Qorti riferiet ghal sentenzi ohra dwar l-elementi tar-reat ta' serq. F' din is-sentenza il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi. Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat

> *"Illi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ' Il- Pulizija (Spettur Joseph Mericeca) vs Jonathan Zammit' fejn gie kkunsidrat li: '*
>
> *5. Dawn il-fatti m'ghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l-konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b' qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il- provenjenza ta' dawn l- elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro".'*

*Il-gurisprudenza Maltija fuq il-lukru jew l-animus lucrandi rriteniet illi l-qliegh jista' jiehu diversi forom u mhux necessarjament wieħed li jissarraf fi flus.*[5] *Dan huwa l-principju li gie ravviżat fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Balzan* [6] *fejn ġie ritenut is-segwenti:*

*'Il-Qorti qalet li meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji izda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment talpersuna koncernata izda anke ghal haddiehor inkluz socjetà ta' responsabiltà limitata bhalma hu f'dan il-kaz.'.*

Il-Qorti wara li qiset l-provi a dispozizzjoni taghha tqis li l-elementi tar-reat ta' serq ma gewx ipprovati – b' mod partikolari dak ta' lukru - u ghalhekk ser tghaddi biex tillibera lil imputati.

Illi b' referenza ghal-akkuza ta' ricettazzjoni, peress li din l-akkuza ma tirrizultax fl-artikoli tar-rinvju tal-Avukat Generali, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

<u>Illi fir-rigward tal-akkuzi fil-konfront ta' Mario Mallia wahdu</u>

F' dak li jirrigwarda l-imputazzjoni in konessjoni mal-hsara volontarja il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha in vista tad-dikjarazzjoni tal-*parte lesa* Joseph Carabott li ma ghandu ebda' interess ulterjuri f' dawn il-proceduri.

Illi f' dak li jirrigwarda it-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti kontra l-imputat Mario Mallia wahdu (art. 15 (1)(a) kap. 65 u art. 3(1) Kap. 104 mill-provi din ma tirrizultax li giet

[5] 39 Ara Il-Pulizija vs Gianluca Carabott deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it23 ta' Gunju, 2020.
[6] 40 Deciz fit-23 ta' Marzu tal-2015

ipprovata. L-unika xhud tal-prosekuzzjoni PS 639 Jean Mangion xehed li ra liz-zewgt zaghzagh fil-vettura u mhux li ra lil Mario Mallia jsuq.

Illi f' dak li jirrigwarda l-imputazzjoni kontra Clyde Mallia in konnessjoni mar-recidiva peress li ma hijiex ser tinstab htija ma hijiex ser tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza;

Decide

Ghaldawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(e) u (g), 267, 269, 271, 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ser tiddisponi minn din il-kawza billi tiddikjara li Mario Mallia u Clyde Mallia ma humiex hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom u ghalhekk ser tilliberahom minn kull piena u htija.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**